# ĦARSA LEJN
# MISSIRIJIET IL-KNISJA

Knisja elfejn

sena XXX nru. 125
lulju – settembru 2018

# Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja

WERREJ

P. Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Jonathan Farrugia
**Introduzzjoni għall-Missirijiet tal-Knisja** 3

Prof. Salvinu Caruana OSA
**Xi Missirijiet tal-Knisja Latini tal-ewwel 4 sekli w.K.** 19

Fr Justin Schembri OP
**The Early Church and Scriptures: A creative fidelity to the text** 31

Mons. Prof. Hector Scerri
**Introduzzjoni għall-Kristoloġija ta' Missirijiet il-Knisja – Il-Kristoloġija tal-Ewwel Żewġ Sekli** 39

Fr Mario Delmar
**Il-Knisja fil-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja** 51

Fr Jonathan Farrugia
**Il-Madonna fil-ħsieb bikri tal-Knisja** 61

Fr Krystof Buttigieg
**Il-familja nisranija skont it-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja** 71

Dr Nadia Delicata
**L-Ekoloġija u l-Ekonomija fit-Tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja** 79

Dr Pauline Dimech
**Nisa Nsara li ħallew il-marka tagħhom fl-ewwel sekli tal-Knisja** 99

Rev. Papàs Martin Zammit
**S. Duminku: Predikatur tal-Verità għal kull żmien** 111

# Il-Madonna fil-ħsieb bikri tal-Knisja

Fr Jonathan Farrugia

Bla dubju li l-qima lejn il-Madonna li għandhom l-Insara tal-lum taf il-bidu tagħha sekli twal ilu u anke l-għeruq tal-post tal-Madonna fil-liturġija tal-Knisja jaf il-bidu tiegħu sa minn meta l-Knisja bdiet torganizza ruħha aktar bħala istituzzjoni mifruxa mal-imperu Ruman kollu.

Fis-sena 380 w.K. insibu l-ewwel referenza għal dehra tal-Madonna f'omelija li kienet saret fil-festa ta' San Girgor it-Tawmaturgu. Il-predikatur kien San Girgor ta' Nissa u fiha jirrakkonta kif darba billejl, ftit wara li Girgor it-Tawmaturgu kien sar isqof, dehrulu San Ġwann l-evanġelista u l-Madonna u kellmuh fuq il-veritajiet tal-fidi u anke tawh forma antika tal-Kredu. Fil-viżjoni dawn jgħidulu r-raġuni għalfejn dehrulu: f'Ċesarija, fejn kien isqof, kien hemm ħafna eretiċi li kienu jħawdu l-imħuħ tal-Insara u għalhekk huma riedu jtuh it-tagħlim proprju kif suppost. Din ġrajja suppost seħħet lejn is-sena 245.

Ir-raġuni għala bdejt dan l-istudju bir-rakkont ta' din id-dehra hi biex nurikom li ġa minn epoka daqshekk bikrija – qegħdin fis-seklu tlieta, madwar mitejn sena wara li għex Ġesù – l-Insara ġa kienu jħarsu lejn Marija bħala omm li tidħol għalihom fl-inkwiet tagħhom u anke bħala dik li tiddefendi t-tagħlim korrett fost l-Insara. Issa biex f'nofs it-tielet seklu ġa nsibu rapport ta' dehra Marjana jfisser li sa dak iż-żmien id-devozzjoni lejn il-Madonna ġa kellha għeruq fil-fond.

Il-ħsieb nisrani jaf il-bidu tiegħu fl-Lvant u għalhekk se nitilqu minn hemm.

L-ewwel deskrizzjoni ta' Marija li nsibu hija dik ta' "Eva l-ġdida". Probabbilment l-ewwel wieħed li semma din l-idea kien isqof ta' belt li kienet fejn illum hemm Pamukkale fit-Turkija, dak iż-żmien kien jisimha

Hierapolis (il-belt qaddisa). Madwar ħamsin sena wara din x-xbieha terġa' tintuża minn żewġ Missirijiet oħra: Ġustinu u Irenew u dawn jiżviluppaw ħafna dan il-kunċett: *Marija hija dik li sewwiet il-ħsara ta' Eva, għax waqt li waħda kkollaborat max-xitan, l-oħra kkollaborat ma' Alla; waħda tat lill-bnedmin il-mewt permezz tad-dnub, l-oħra tat lill-bnedmin il-ħajja l-ġdida permezz ta' binha; l-għoqda li rabtet Eva bid-diżubbidjenza tagħha ġiet maħlula minn Marija bl-ubbidjenza tagħha*. Minn hawn ġa tibda tidħol fin fin l-idea tal-ko-operazzjoni ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni tal-bniedem, għaliex hi kkollaborat ma' Alla. Interessanti ħafna l-fatt li jiidher li din l-analoġija bejn Marija u Eva taf il-bidu tagħha f'Efesu, fejn hemm tradizzjoni li tgħid li Marija marret tgħix hemm u jista' jkun li kien minn hemm li ttellgħet is-sema.

Wara dawn iż-żewġ missirijiet insibu li t-tema terġa' tiġi diskussa minn xi esponenti tal-Knisja fis-Sirja bħal Afraate u Efrem, imbagħad minn kittieba kbar tas-seklu 4 bħal Ċirillu ta' Ġerusalemm, Girgor ta' Nissa, Amfilokju ta' Ikonju u Epifanju ta' Salamis, u oħrajn tas-seklu 5 bħal Ċirillu ta' Lixandra, Proklu ta' Kostantinopli, Teodotu ta' Anċira u Antipater ta' Bostra. Dawn l-ibliet li semmejt huma mifruxin madwar iz-zona ta' dawk li llum huma t-Turkija, il-Palestina u l-Arabja, mela nifhmu kemm kien tagħlim milqugħ minn kulħadd madwar id-dinja nisranija.

Aspett ieħor tal-għarfien tal-Insara tal-bidu dwar Marija jirrigwarda l-verġnità perpetwa tagħha. Aħna llum ngħidu li Marija hija "verġni qabel it-twelid, verġni fit-twelid u verġni wara t-twelid". Spiss fl-ikoni Griegi tal-Madonna narawha bi tlett stilel, waħda fuq kull spalla u waħda fuq rasha: dawn jirrappreżentaw it-tliet fażijiet tal-verġnità tagħha li baqgħet dejjem bla mittiefsa. Fir-rakkonti tat-tnissil ta' Ġesù li nsibu fl-evanġelji l-informazzjoni hija ċara biżżejjed li Marija kienet verġni meta nisslet lil Ġesù u li dak li seħħ fiha kien bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u mhux bil-ħidma ta' raġel. Fil-kitbiet Insara l-ewwel darba li din id-duttrina tiġi difiża kontra l-għajdut tal-Lhud u tal-pagani hija fl-Ittri ta' San Injazju ta' Antijokja fil-bidu tat-tieni seklu fejn hu jinsisti fuq in-natura verament umana ta' Kristu li kien ġie fid-dinja minn omm verġni. Warajh kien hemm oħrajn li ddefendew dan il-privileġġ tal-Madonna.

Dwar it-twemmin li l-Madonna baqgħet verġni waqt it-twelid ta' Ġesù nsibu waħda mill-ewwel testimonjanzi f'kitba apokrifa li fiha hemm l-istorja mit-tnissil tal-Madonna sa meta ssir l-istraġi tal-innoċenti; il-ktieb jismu "il-protovanġelu ta' Ġakbu". Din il-kitba ħadet il-forma li għandha llum f'nofs it-tieni seklu, għalhekk nobsru li l-oriġni tagħha huwa aktar antik minn hekk, u li hija msawra fuq it-tradizzjonijiet li sa dak iż-żmien kienu jgħaddu bil-fomm minn ġenerazzjoni għal oħra. Fiha naqraw li wara li Marija welldet lil Ġesù kien hemm ħabla jisimha Salomi li riedet tara Marija kinetx veru u verġni u din tawlet idejha biex tiċċekkja. Il-kittieb jgħidilna li idha nixfitilha u mbagħad reġgħet ħadet is-saħħa għat-talb ta' Marija. Dan id-dettall f'kitba apokrifa juri li sa minn kmieni l-verġnità ta' Marija fit-twelid ta' Ġesù kienet ħaġa li l-Insara kienu jiddefenduha bil-qawwi.

Aktar tard wieħed mill-ewwel kittieba nsara li jitkellem b'mod ċar ħafna fuq il-verġnità perpetwa tal-Madonna anke waqt it-twelid ta' Ġesù huwa Girgor ta' Nissa, li jqabbel il-ġisem ta' Marija mal-ħurrieq jaqbad bla ma jinħaraq li jara Mosè. L-istess kif il-ħurrieq jaqbad ma nqeridx għax kellu fih il-preżenza ta' Alla, daqstant ieħor il-verġnità ta' Marija ma nħarqitx għax fiha kellha l-preżenza tal-Iben ta' Alla. Ftit warajh Efrem tas-Sirja wkoll jitkellem ċar fuq dan it-tagħlim, sakemm fl-aħħar jiġi ċċarat u proklamat fil-Konċilju ta' Efesu u huwa minn dan iż-żmien li l-Madonna tibda tissejjaħ verġni u omm – mhux għax kienet verġni fit-tnissil imma għax baqgħet verġni anke fit-twelid. Fuq il-verġnità tal-Madonna wara t-twelid ta' Ġesù l-Knisja qatt ma pproklamat ruħha b'mod dommatiku, però mill-kitbiet tal-ewwel sekli nifhmu li kien hemm kurrent qawwi kontra l-Insara li kienu jsostnu li Marija u Ġużeppi kellhom ir-rapporti konjugali wara t-twelid ta' Ġesù u r-raġuni li hija dejjem preżentata hija li ma jixraqx li dak il-ġuf li żamm fih iż-żerriegħa tal-Ispirtu biex minnu twieled l-Iben ta' Alla jżomm fih iż-żerriegħa ta' raġel mortali biex jitwieldu wlied komuni.

Problema oħra li spiss inqalgħet fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu kienet tikkonċerna l-maternità tal-Madonna – mhux biss il-maternità divina tagħha, imma anke l-maternità umana. Waħda mill-ewwel ereżiji li nqalgħu fl-ewwel u fit-tieni seklu kienet tistqarr li l-Iben ta' Alla mhux veru kellu ġisem uman, imma kien spirtu li biss deher bħala bniedem.

Għaldaqstant l-ewwel attakk fuq il-maternità tal-Madonna kienet li hi mhux verament kienet omm Ġesù, u li dan l-ispirtu li jsemmu dawn l-eretiċi għadda minn ġisimha mingħajr ma ħa xejn minnu biex sawwar ġisem. Ġa fl-ittri ta' San Ġwann insibu kritika ħarxa ta' dan it-twemmin żbaljat, u l-istess naqraw fl-ittri ta' San Injazju ta' Antijokja li probabilment kien dixxiplu tiegħu. Kittieba oħra minn Lixandra bħal Klement u Oriġene, fid-difiża tagħhom tal-umanità vera ta' Kristu jitkellmu wkoll fuq id-divinità tiegħu u għalhekk ġa minn żmien daqshekk bikri, għalkemm il-kelma Theotokos (omm alla) rarament kienet tintuża, ġa naraw li kienu qed jiddefendu l-maternità divina tagħha.

Fir-raba' seklu beda jinxtered it-tagħlim li Ġesù ma kienx Alla mill-bidu, mela allura Marija ovvjament ma kienetx Omm Alla, imma omm il-bniedem li eventwalment ġie divinizzat. Waqt li diversi kittieba jsejħu lill-Madonna bħala Omm Alla mingħajr ma jpoġġu xi forma ta' piż fuq dan it-titlu, insibu kittieb partikulari, San Girgor Nazjanzenu, li jidher li hu l-ewwel wieħed li juża t-titlu tal-Madonna bħala Theotokos biex jiskomunika lil wieħed eretiku li kien jgħid li iben Marija ġie divinizzat meta kiber.

Mir-raba' seklu wkoll, jiġifieri qabel mal-konċilju ta' Efesu pproklama li Marija hija Omm Alla bħala domma ta' fidi, ġejja t-talba li fl-imgħoddi kulħadd kien jaf: *taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu omm qaddisa ta' Alla, la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, iżda eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o verġni glorjuża u mbierka.* Din turi xi ħaġa importanti ħafna: mhux biss it-teoloġi kienu jisħqu fuq il-maternità divina tal-Madonna, imma anke l-poplu komuni u bla skola. La kienu jitolbuha, jfisser li kienu jemmnuha. Fil-konċilju ta' Efesu, wara ħafna ġlied, imbagħad kien ġie definit li l-iben li twieled minn Marija kien Alla nnfisu, mill-bidu u mhux li sar hekk wara, u allura Marija setgħet u kellha tissejjaħ Omm Alla bla biża' ta' żball. Marija tat lil binha dak kollu li kull omm tagħti: parti minn ġisimha biex minnu jsawwar ġismu, ġarritu fiha għal disa' xhur u wara welditu bħalma jitwieldu l-bnedmin. Għaldaqstant, la l-bniedem li twieled minnha kien ukoll Alla mill-bidu, allura hi Omm Alla.

Punt ieħor li tkellmu ħafna fuqu l-Missirijiet jirrigwarda l-qdusija ta' Marija. Tajjeb ninnutaw li kważi mill-bidu nett meta Marija hija

msejħa ‘verġni’ kważi dejjem hija msejħa wkoll ‘imqaddsa’ u dan ġa juri li l-Insara kienu jemmnu li hi kienet mogħnija bi qdusija li bnedmin oħra ma kellhomx. Imma fil-bidu ma nsibux trattati jew omelji fuq il-qdusija tal-Madonna għax jidher li l-ħaġa kienet aċċettata minn kulħadd bla problemi. Oriġene, kittieb tat-tielet seklu, fil-kummentarju għall-Evanġelju ta’ San Luqa jgħid li l-mod kif l-anġlu jsejjaħ lill-Madonna: *kekaritomene* (int li int imfawra u mibdula bil-grazzja) turi li l-qdusija ta’ Marija kienet frott tal-ħidma ta’ Alla. Mela l-ewwel konklużjoni li nistgħu naslu għaliha fuq dan il-punt hu li l-Madonna kienet qaddisa għax ħadem fiha Alla.

Waqt li jidher li kulħadd jien jaqbel li Marija kienet unika fil-qdusija, jidher li ma kienx hemm qbil dwar jekk kinetx bla dnub, ladarba kienet bniedma. Uħud iġibu xi eżempji ta’ ‘żbalji’ li ħadet il-Madonna: fit-tieġ ta’ Kana għaġġlet lil Ġesù u għalhekk hu jċanfarha, meta hi u qraba oħra fittxew li jarawh u hu ma paxxihomx dan kien għax hi riedet tiftaħar u turi lil kulħadd li kienet ommu, u fuq il-Kalvarju skont uħud is-sejf li nifdilha ruħha kien is-sejf tan-nuqqas ta’ twemmin li binha għad iqum.

Fis-seklu 4 l-isqof ta’ Salamis, Epifanju, jitkellem fuq il-Madonna u jgħid li kienet mogħnija b’kull tip ta’ grazzja. Ma jgħidx ċar u tond li kienet bla dnub, imma jimplika li l-qdusija tagħha ma kinetx waħda komuni. L-ewwel wieħed li jitkellem ċar u tond fuq il-qdusija perfetta tal-Madonna kien Efrem tas-Sirja li jgħid li l-qdusija tagħha kienet għola minn tal-kerubini, il-ġmiel tagħha kien isbaħ minn tas-serafini, u l-qtajja tal-anġli kienu inqas minnha fis-safa. F’wieħed mill-innijiet tiegħu Efrem jgħid li Ġesù u Marija biss huma mogħnija bi ġmiel li bħalu ma deher imkien, Ġesù huwa bla dnub u Marija hija bla tebgħa. Madanakollu kittieba aktar prominenti minn Efrem, fosthom il-kittieba Lixandrini li kienu l-aktar filosofiċi u ċari fi kliemhom, kienu jaqblu li Marija kienet qaddisa aktar minn kulħadd, imma kienu jħallu miftuħa l-possibiltà li hi setgħet kienet midinba wkoll, speċjalment meta fil-kitbiet jisħqu li Kristu biss kien bla dnub. Huma jsostnu li t-tisfija sħiħa ta’ Marija seħħet meta hi laqgħet it-tħabbira tal-anġlu. Dan huwa l-eqreb li nistgħu naslu sas-seklu 6 fuq it-twemmin tal-Insara fuq is-safa perfetta ta’ Marija u l-eqreb li nistgħu ngħidu li waslu għat-twemmin fit-tnissil bla tebgħa tagħha.

Għalkemm kulħadd kien jemmen li Marija ma kienetx suġġetta għad-dnub bħall-bnedmin ftit kienu dawk li stqarru ċar u tond li kienet immakulata minn kull tebgħa mill-bidu tal-eżistenza tagħha u matul ħajjitha. Dan it-twemmin daħal wara grazzi għar-riflessjoni tal-irħieb tal-Palestina u li eventwalment ġie spjegat fil-medjuevu mill-Franġiskani.

Tema ta' interess partikulari kemm fl-istudju tal-Marjoloġija kif ukoll fl-istudju tad-domma hija l-kwistjoni tal-mewt u l-assunzjoni tal-Madonna. Hawn tajjeb li nibdew billi ngħidu li f'dan il-każ – bħal fil-każ tal-maternità divina tal-Madonna, il-fidi tal-bnedmin bla skola kienet aktar avvanzata mill-għerf tat-teoloġi. Jekk inwarrbu t-testi apokrifi li jirrakkuntaw it-tmiem tal-ħajja tal-Madonna, l-ewwel referenza espliċita f'kitba nisranija għall-possibiltà ta' tmiem ta' ħajja mhux bħal tal-bnedmin l-oħra nsibuha f'kitba tas-sena 377 minn Epifanju ta' Salamis. Hu jgħid li ħadd ma kien jaf kif spiċċat il-ħajja tal-Madonna, jekk hux b'mewta naturali, jekk hux bil-martirju jew jekk hux f'xi forma ta' immortalità. Fuq din tal-aħħar hu jgħid li jista' jkun Marija raqdet bla ma mietet u ttieħdet fil-ġenna, jew inkella li – bħall-mara tal-Apokalissi, ingħatawlha l-ġwienaħ tal-ajkla u ttajret lejn il-ġenna. Però Epifanju ma jikkommettix ruħu, jgħid biss li għal Alla xejn ma hu impossibbli.

Aktar minn mitejn sena qabel Epifanju, iżda, l-Insara ġa kienu jmorru jitolbu quddiem il-qabar vojt tal-Madonna għax kienu jemmnu li hi kienet ġa fis-smewwiet, l-istess kif meta jitobu quddiem il-qabar vojt ta' Kristu kienu jemmnu li kien ġa fis-smewwiet. Dan hu li ridt infisser meta għedt li l-fidi tal-bnedmin bla skola kienet aktar avvanzata mill-għerf tat-teoloġi, għax għalkemm tagħlim ċert ma kienx hemm, in-nies ġa kienu jemmnu li ġisem il-Madonna ma kienx għadu fuq l-art. Epifanju fil-kitba tiegħu tas-seklu 4 juri li kellu xi forma ta' intuwizzjoni ta' dan il-misteru u b'xi mod kien imsaħħar bih.

Qabel Epifanju, Efrem is-Sirjan kien ġa tkellem fuq dan is-suġġet fl-innijiet marjoloġiċi tiegħu; ma jitkellimx ċar u tond fuq mewt, raqda jew assunzjoni bħal Epifanju, imma jagħtina biżżejjed x'nifhmu li l-kliem mistur tiegħu kien qed jgħid proprju dan: *Marija rċeviet mingħand Kristu libsa tal-glorja li setgħet tgħatti l-għera tal-bnedmin kollha, Kristu libbisha libsa ġdida li kellha fiha l-kobor u l-maestà tiegħu, hu li hu fil-ġenna daħħal lilha fil-ġenna*.

Kittieb ieħor li għex fi tmiem ir-raba' seklu, Timotju ta' Ġeruslemm, jgħid li Marija qatt ma rat il-mewt, imma li fil-fatt binha ħadha miegħu fil-post fejn hu tela' meta temm ħajtu fuq din l-art. Hawn ġa qed naraw prova bikrija ċara ta' twemmin bil-miktub fuq it-trasport tal-ġisem tal-Madonna mill-art għas-sema.

Informazzjoni interessanti toħroġ mill-kitba magħrufa bħala t-*Transitus Mariae* li jitkellem dwar il-mewt u t-trasport tal-Madonna. Il-kitba probabbilment ħadet il-forma kif nafuha llum fis-seklu 5, imma hija msawra fuq tradizzjonijiet orali u kitbiet mitlufa ġejjin minn qabel. Jeżistu diversi verżjonijiet ta' din il-kitba, li dak li għandhom in komuni huwa li l-Madonna mietet u li eventwalment ġisimha ma baqax fil-qabar imma ttieħed band'oħra. Fuq fejn ittieħed mhux dejjem jaqblu. Hemm verżjonijiet li jgħidu li ttellgħet is-sema, hemm verżjonijiet li jgħidu li ġisimha jinsab f'xi post qisu l-ġenna tal-art u qiegħed taħt is-siġra tal-ħajja biex ma jitħassarx jistenna l-mument li jerġa' jingħaqad ma' ruħu fl-aħħar taż-żmien, verżjoni oħra tgħid li l-ġisem ittieħed fil-ġenna tal-art u baqa' taħt s-siġra tal-ħajja għal xi żmien u mbagħad ir-ruħ reġgħet daħlet fih u ddaħlet fil-ġenna. Minn dawn nistgħu ngħidu li l-eqdem referenza konreta bil-miktub tal-Assunzjoni tal-Madonna ġejja minn nofs is-seklu 5. Li juruna fiċ-ċert dawn il-kitbiet huwa l-fatt li għall-Insara sa mill-qedem kien jidher diffiċli li jaċċettaw li ġisem il-Madonna li ġarr fih lill-Iben ta' Alla kellu jitħassar fil-qabar.

Li hu żgur huwa li mis-seklu 5 'il quddiem dawn it-tradizzjonijiet mibnija fuq dan it-twemmin antik taw il-ħajja lill-festa tad-dormizzjoni jew l-assunzjoni tal-Madonna u grazzi għaliha ħarġu l-isbaħ omeliji fuq il-Madonna li nsibu bejn is-seba' u d-disa' seklu u li kollha jitrattaw it-tmiem tal-ħajja tagħha. Fis-seklu 7 nisbu omelija ta' San Modestu ta' Ġerusalemm li hija l-ewwel kitba mhux marbuta mal-apokrifi li titkellem kif il-Madonna ttellgħet is-sema u li fiha wkoll tagħlim duttrinali profond ħafna: *Marija mietet bix-xewqa li terġa' tara lil binha, imma ġisimha ma rax it-taħsir għax wara l-mewt reġa' ngħata l-ħajja minn Kristu u hi, għax kienet l-istess laħam bħal tiegħu, ittieħdet minnu fil-post fejn kien jinsab hu biex miegħu tieħu sehem mill-istess eternità: Hu li ħa l-ġisem mingħandha ta lilha l-immortalità tiegħu; hi li kienet ommu fil-ħajja saret il-werrieta fil-glorja tiegħu*. Il-mod trankwill u seren kif

Modestu jitkellem dwar il-mewt u l-assunzjoni ta' Marija juri li ma kienx qiegħed jiddefendi xi kawża wara xi polemika li nqalgħet, imma jidher ċar li qiegħed jitkellem fuq verità li kulħadd kien jafha u jaċċettaha.

Fis-seklu ta' wara San Ġermanu ta' Kostantinopli ikompli ma dak li qal Modestu u jagħti raġuni għalfejn Marija mietet: *mietet għax anke binha, li kien Alla, miet, għax in-natura tagħha ma kienetx differenti minn tagħna, u biex il-mewt tagħha tkun konferma tal-inkarnazzjoni vera ta' binha. Imbagħad ittellgħet fil-ġenna għax il-ġisem li kien mess maddivin ma setax jispiċċa fil-qabar*. Għalhekk għal Ġermanu l-assunzjoni hija konsegwenza diretta u inevitabbli tal-maternità divina.

Fl-istess żmien San Andrija ta' Kreta ħalla tlett omeliji fuq l-assunzjoni tal-Madonna li fihom jgħid li l-festa tat-tlugħ tagħha fis-sema kienet iċċelebrata minn kulħadd kullimkien. Fi ħsiebu hi mietet, imbagħad ruħha ngħaqded mill-ġdid ma ġisimha u daħlet il-ġenna bil-ġisem b'kollox għax kienet verġni, qaddisa u għax kienet omm Alla.

Tliet omeliji oħra mill-isbaħ ħallihomlna San Ġwann ta' Damasku fis-seklu 8. Id-Damaxxenu jagħtina tagħlima ġdida: jaqbel li Marija mietet għax kienet bniedma, imma jgħid li huwa fil-mewt li tiddi aktar l-immortalità. It-tieni omelija tiegħu għall-festa tal-Assunta hija waħda mill-isbaħ kitbiet li nsibu mill-epoka tal-Missirijiet għax fiha hu juri l-validità u l-verità tal-assunzjoni:

*Kien wisq jixraq li hi, li żammet il-verġnità tagħha bla mittiefsa meta tat lid-dinja l-Iben divin tagħha, kellha wkoll iżżomm ġisimha meħlus mit-taħsir anke wara l-mewt. Kien wisq jixraq li hi, li ġarret fi ħdanha lill-Ħallieq bħala tarbija, kellha tgħammar fit-tabernakli tal-ġenna. Kien wisq jixraq li l-għarusa, li l-Missier għażel għalih, tgħix fil-palazzi tal-ġenna. Kien wisq jixraq li hi, li rat lil Binha mdendel mas-salib u li hi kellha qalbha minfuda mis-sejf, kellha tarah ukoll bilqegħda maġenb il-Missier. Kien wisq jixraq li Omm Alla jkollha dak kollu li hu ta' Binha, u li tiġi meqjuma mill-ħlejjaq kollha bħala l-Omm u bħala l-qaddejja ta' Alla.*

Dak il-kliem "kien wisq jixraq" ma jfissirx għalih biss li kienet ħaġa xierqa, imma li hekk kellu jsir għax ma seta' jkun qatt li ġisem il-Madonna jitħalla jispiċċa.

Sa tmiem l-epoka tal-Missirijiet it-testi kollha li nsibu fuq l-assunzjoni tal-Madonna jitkellmu b'mod li din kienet verità aċċettata u emmnuta minn kulħadd, mhux xi tema dibattibbli li kien hemm min kien jitkellem kontriha. Il-konferma ta' dan kollu jasal imbagħad fi trattati teoloġiċi li ġew wara fejn jiġu diskussi punti fuq it-twemmin tal-Insara li fihom l-assunzjoni hija magħduda fost il-veritajiet tal-fidi, sekli sħaħ qabel il-proklamazzjoni tad-domma fl-1950.

Dawn il-ftit ħsibijiet juruna kemm Marija kienet għal qalb l-Insara sa mill-bidu u flimkien ma' Kristu kienet fiċ-ċentru tal-ħsieb tagħhom; kif ukoll kemm fl-ewwel ftit sekli żviluppa l-ħsieb fuq il-Madonna biex ta l-pedamenti għat-twemmin u d-devozzjoni li għandna lejn il-Madonna llum.